# F'Għeluq il-100 Sena mit-Twelid tal-Prof. Anton Tabone

L-GĦAQDA STORJA U KULTURA BIRŻEBBUĠA din is-sena ħasbet biex tfakkar għeluq il-100 sena mit-twelid tal-Professur Dun Anton Tabone. Għalkemm ma twelidx f'Birżebbuġa, għadda biċċa kbira minn ħajtu f'dan ir-raħal u dejjem kien ta' servizz għall-poplu, sa ma miet fl-1971.

Il-Professur Anton Tabone twieled in-Nadur, Għawdex fit-13 ta' Settembru 1896, bin Ġanni u Rożina (imwielda Bajjada). Beda l-istudji tiegħu meta kien tifel ċkejċken. Fi tfulitu huwa studja r-Rabat, Għawdex. Wara li daħal mal-Patrijiet ta' Ġieżu bħala novizz, huwa ġie jistudja l-filosofija u t-teoloġija fl-Università Rjali ta' Malta. Wara, huwa kompla jistudja dawn is-suġġetti fl-Università ta' Ruma. Kien f'dan iż-żmien li huwa ħa l-Ordni Sagri fil-Bazilika tal-Lateran fl-1922 u għażel l-isem ta' Patri Pawl.

Fl-Università Antoniana ta' Ruma, il-Professur Tabone, magħruf aħjar bħala Patri Pawl, ħa l-lawrja tad-Dritt Kanoniku u t-Teoloġija Morali. Sena wara, jiġifieri fl-1926, huwa ħalla Ruma biex mar jgħallem f'Ġerusalemm. Minn hemm, il-Professur Tabone reġa' mar lura fl-Italja fejn għamel xi żmien jgħallem barra Firenze. Meta ġie lura Malta huwa ġie maħtur bħala għalliem tal-Patrijiet Minuri. Huwa żamm din il-ħatra għal aktar minn għoxrin sena, Bejn is-snin tal-gwerra u s-snin ta' wara, jiġifieri bejn l-1943 u l-1949, il-Professur Tabone kellu ħafna ħatriet oħra: fosthom huwa ġie mlaħħaq bħala Eżaminatur tal-Kleru, Ċensur Teologu, Eżaminatur Pro-sinodali, Kappillan tal-Parroċċa tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema u Kummissarju għat-Terra Santa. Fl-1944 ġie maħtur Professur tad-Dritt Kanoniku fl-Università Rjali ta' Malta.

Minħabba saħħtu, ġie joqgħod Birżebbuġa u fl-1952, wara li ħalla l-Ordni tal-Franġiskani, ġie nkardinat mal-Arċidjoċesi ta' Malta. Serva fil-Qorti ta' l-Arċisqof bħala Difensur tar-Rabta taż-Żwieġ u wara disa' snin f'din il-kariga inħatar imħallef ta' l-istess Qorti fl-1955.



Fil-qasam letterarju, il-Professur Tabone huwa magħruf bħala wieħed mill-ewlenin fil-kitba tal-Malti. Barra li kien jikteb regolarment f'ħafna rivisti u ġurnali, ippublika ħafna xogħolijiet, essays u novelli fosthom "Il-Liġi tas-Sawm u l-Astinenza", "Ward u Xewk", "The Fundamental Rights of the Human Person" u ħafna oħrajn. Dawn ix-xogħlijiet letterarji u magħhom ħafna kotba oħra privati tħallew lil-librerija ta' l-Università Rjali ta' Malta.

Minkejja saħħtu, huwa kompla jaqdi d-dmirijiet pastorali tiegħu man-nies ta' Birżebbuġa b'ħafna sagrifiċċji. In-natural ħelu li kellu l-Profs (kif kien magħruf aħjar min-nies ta' Birżebbuġa) ġibed lejh is-simpatija, ir-rispett u l-imħabba tan-nies kollha li kienet tfittxu f'kull bżonn li kien ikollha, sew jekk kien għal xi parir kif ukoll biex jassisti ma' xi marid. Kont issibu dejjem imdawwar bin-nies: min biex jitolbu xi għajnuna u min biex sempliċiment jiftaħ qalbu miegħu. L-għajnuna tiegħu ma kinitx biss lejn l-individwu iżda wkoll lejn l-għaqdiet. L-Azzjoni Kattolika ta' Birżebbuġa għandha tkun kburija li kellha, għal xi żmien, Assistent Ekkleżjastiju tagħha lil dan il-qassis eżemplari. Ta' dan ix-xogħol pastorali, il-Knisja għollietu għal Monsinjur xi sena jew tnejn qabel ma miet.

Il-Professur Tabone miet il-Ħadd, 30 ta' April 1971, fid-dar tiegħu fi Triq Birżebbuġa. It-telfa tiegħu inħasset minn kulħadd, u l-poplu ta' Birżebbuġa wera r-rispett kollu tiegħu meta fil-funeral li sarlu attenda bi ħġaru biex, flimkien mar-rappreżentanti ta' l-Għaqdiet, jagħti l-aħħar tislima lil dan il-qassis li mhux biss għamel unur lil pajjiżu u lil Birżebbuġa, iżda wkoll ta' saħħtu u ħiltu kollha biex jara li n-nies tar-raħal tagħna ma jkun jonqoshom xejn.

Kien għalhekk ħsieb tassew għaqli li fis-snin tmenin kien issemma għalih il-ġnien ta' San Ġorġ u, aktar riċenti, t-triq li qabel kien jisimha New Street ingħatat l-isem Triq il-Prof. Anton Tabone. Ta' min wieħed isemmi li l-għan ta' l-Għaqda Storja u Kultura hu, li nies bħal Profs Tabone li tul ħajjithom taw kontribut siewi f'kull qasam tal-ħajja ta' dan ir-raħal ma jintesewx iżda jibqgħu jingħataw il-ġieħ li jixirqilhom.

**(Mill-Għaqda Storja u Kultura - Birżebbuġa)**